**1 ta' Lulju, 1997**

**Imħallef:-**

**S.T.O. Joseph A. Filletti, B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S. - A/President**

George Mifsud bħala *Managing Director* u in rappreżentanza ta' George Mifsud Company Limited

*versus*

Philip Micallef

***Actore Non Probante Reus Absolvitur* - Konteġġi**

*Kawża fuq konteġġi. Meta l-Qorti ma tkunx konvinta la naħa u lanqas oħra, hija legalment tasal għall-konklużjoni li l-attur ma ppruvax*

*dak li allega.*

Il-Qorti:-

B'avviż l-attur talab il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' Lm75.28,0 bilanċ ta' prezz ta' oġġetti lilu mibjugħa u kkonsenjati (Dok. A) bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' *qbid numru 1328/94 u bl-imgħax legali;*

Il-konvenut eċċepixxa (fol. 12) illi d-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu rriġettati bl-ispejjeż stante li l-ammont irreklamat mhux dovut billi jinsab imħallas;

B'sentenza tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru, 1996, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ċaħdet it-talba ta' l-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu, billi ma setgħetx tgħid min mill-partijiet għandu raġun u qalet li b'hekk l-attur ma ppruvax it-talba;

Illi l-aggravju ta' l-attur *nomine* huwa illi l-Ewwel Qorti biex waslet għall-konklużjoni tagħha għaċ-ċaħda tat-talba, użat kriterju legalment inaċċettabbli u f'dan, appuntu, jeżisti l-punt legali deċiż fis-sentenza li jintitola lill-esponent li jappella nonostante li l-ammont tat-talba hu taħt il-mitejn lira;

Illi l-Ewwel Qorti qalet illi "l-versjoni li ta l-konvenut hu probabbli daqskemm hi tiegħu (ta' l-attur) u għalhekk il-Qorti ma tistax tgħid li l-attur laħaq dak il-grad ta' prova għall-eżitu favorevoli". *L-istess Qorti ċċitat is-sentenza tal-Qorti ta' l-*Appell fl-ismijiet **Joseph Rausi *nomine et vs* John Muscat**, tat-22 ta' Novembru, 1995 in sostenn tal-kriterju minnha użat fl-apprezzament tal-provi, kif ukoll is-sentenza **Dr. H. Lenicker *vs* Joseph Camilleri**, tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-31 ta' Mejju, 1972 (Dok. A) liema sentenzi t-tnejn qalu illu fejn hemm żewġ versjonijiet possibbli, il-Qorti għandha tiċħad it-talba

skond il-prinċipju *actore non probante reus absolvitur*;

Illi, però l-attur appellant jissottometti bir-rispett kollu illi fil-każ preżenti, fejn il-piż tal-prova ġie invertit billi l-konvenut eċċepixxa l-pagament, l-Ewwel Qorti messha waslet għall-konklużjoni illi l-konvenut ma ppruvax il-versjoni tiegħu u allura laqgħet it-talba ta' l-attur bl-ispejjeż. Iż-żewġ sentenzi ċitati mill-Ewwel Qorti mhumiex applikabbli għall-każ preżenti għaliex ir-regolament tal-provi applikabbli mhux l-istess. F'dawk iż-żewġ sentenzi, il-kwistjoni kienet tirrigwarda l-prova tar-responsabbilità għall-kolliżjoni, li tinkombi lill-attur, mentri fil-każ preżenti si tratta tal-prova ta' l-eċċezzjoni tal-konvenut: u din tinkombi lill-konvenut skond il-prinċipju *reus in excipiendo fit actor*;

Għaldaqstant, l-attur appellant talab illi dina l-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet premessi tal-25 ta' Novembru, 1996 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u b'hekk tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut u tilqa' t-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat;

L-appellat wieġeb hekk:

Illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma kemm għar-raġunijiet mogħtija fl-istess sentenza kif ukoll għas-segwenti sottomissjonijiet;

Illi l-appellat ikkonferma bil-ġurament illi safejn kien jaf hu, ma kien jeżisti ebda kont pendenti bejn il-partijiet u inoltre esebixxa diversi fatturi li permezz tagħhom ikkorrobora u pprova biċ-ċar il-pretensjoni tiegħu, senjatament illi d-debitu riżultanti mid-diversi *invoices* li jidhru fl-i*statement* ippreżentat mis-soċjetà attriċi, anness ma' l-att ta' l-avviż, ġew debitament imħallsa;

Illi l-appellant jibbaża l-argument tiegħu għal dan l-appell, fuq il-fatt illi fis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti intqal illi: "It-tnejn jistgħu jkollhom raġun jekk matul il-medda taż-żmien xi ħadd minnhom ikun ħa xi żball u dan baqa' jiġi ripetut sakemm fl-aħħar sabu li ma setgħux jibbilanċjaw il-kontijiet. Sfortunatament għall-attur, il-versjoni li ta l-konvenut hi probabbli daqskemm hi tiegħu u għalhekk il-Qorti ma tistax tgħid li l-attur laħaq dak il-grad ta' prova għal eżitu favorevoli". L-espnoenti, bir-rispett, jissottometeti illi, in vista tal-fatt illi l-konvenut ipprova li l-*invoices* kollha elenkati fid-dokument anness ma' l-avviż ġew debitament imħallsa lis-soċjetà attriċi, sabiex tipprova jekk kienx hemm xi *invoice* oħra pendenti li ma kinitx tirriżulta mid-dokumentazzjoni minnha esebita, għaldaqstant kull referenza magħmula mill-Ewwel Qorti għal xi "dubbju", tirreferi biss għall-possibbilità li xi darba seta' eżista xi kont/*invoice* oħra oltre dawk riżultanti mill-anness *statement*, u għal-liema *invoice* ma sar ebda riferiment assolut, matul il-proċeduri preċedenti;

Illi għaldaqstant is-soċjetà attriċi ma ppruvat bl-ebda mod assolut illi effettivament kien hemm xi *invoice* jew *invoices* oħra għajr dawk elenkati fl-i*statement* minnha esebit;

Illi l-appellat jissottometti illi in vista ta' l-eċċezzjoni tal-konvenut, l-oneru tal-prova tal-ħlas da parte tiegħu kienet biss dwar il-fatt illi l-*invoices* elenkati kienu jinsabu mħallsa u għalhekk jekk effettivament kienet teżisti xi *invoice* oħra oltre dawk minnu msemmija, kien jinkombi fuq l-attur illi jipproduċi u jagħmel referenza għal din il-fantomatika *invoice*;

L-appellat jissottometti illi ma jista' qatt jinstab responsabbli verso s-soċjetà attriċi għall-allegazzjonijiet tiegħu, peress illi ma ġiex ippruvat illi teżisti ebda *invoice* oħra pendenti bejn il-partijiet;

Għal dawn il-motivi, l-appellat jissottometti li l-appell intavolat mill-appellant għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni ta' dan l-appell, il-Qorti issa sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

Mill-provi jirriżulta li bejn il-kontendenti fil-passat kien hemm relazzjoni kummerċjali billi jidher li l-konvenut kien jixtri *on credit* mingħand is-soċjetà attriċi oġġetti partikolari u mbagħad iħallas għalihom wara. Dan in-negozju għal xi raġuni waqaf. Issa mir-*records* tas-soċjetà attriċi kien għad baqa' jidher li l-konvenut appellat kien għadu debitur fl-ammont bilanċjali ta' Lm75.25c skond ma hemm elenkat minnu f'Dok. A a fol. 2;

*L-appellat eċċepixxa l-pagament oltre dan, huwa xehed li* kien issalda l-pendenzi kollha li ġew elenkati mill-attur *nomine* fl-i*statement* tiegħu u in sostenn esebixxa diversi riċevuti - minn fol. 17 sa 21 tal-proċess biex juri li dawn id-diversi partiti effettivament tħallsu minnu kif eċċepixxa;

Illi mix-xhieda prodotta mill-attur *nomine* saret biss prova li l-konvenut kien tassew jinnegozja magħhom - fatt mhux ikkontestat - li l-ex-impjegata Maria Mifsud, impjegata bħala *salesgirl* ma qalet xejn ta' sostanza, li skond Stephen Mifsud huwa kien ġà sab il-kontijiet fir-*records* u ma setax ikun jaf xejn konklużiv dwarhom u li l-uniku xhud li jista' jingħad li kien kategoriku *min-naħa ta' l-attur nomine fis-sens li sostna li kien* għadu mhux imħallas kien Lino Grech, Financial Controller mas-soċjetà attriċi li, a sua volta, straħ u qagħad fuq dak li kien juri l-*computer* u l-kotba tal-kumpannija;

Fil-fehma tal-Qorti, ġà la darba l-konvenut appellat esebixxa r-riċevuti u kkonferma bil-ġurament tiegħu li d-debiti msemmijin fiċ-ċitazzjoni attriċi kienu ġew imħallsa allura l-prova legali gravanti fuqu ġiet sodisfatta;

Għalhekk ukoll, il-Qorti ma tifhimx l-argument ta' l-appellant kif espress fl-appell tiegħu, li kien jinkombi fuq il-konvenut biex jipprova oltre minn dak li ressaq bi provi quddiem l-Ewwel Qorti;

Kien invece jinkombi mill-ġdid fuq l-appellant *nomine* - li ma xehedx - li jgħid u jiddimostra, jekk tassew hekk kien il-każ, l-għala r-riċevuti li ġew prodotti u esebiti mill-konvenut appellat ma kellhomx jittieħdu ukoll bħala prova tal-pagament kif ġie eċċepit;

In realtà din il-Qorti lanqas fehmet kif, *rebus sic stantibus*, l-Ewwel Qorti rriskontrat daqstant diffikoltà biex tikkonkudi, kif wara kollox spiċċat biex ikkonkludiet u ddeċidiet, li sabet ruħha f'impasse biex ixxaqleb naħa jew oħra. Is-soċjetà attriċi, wara dekors ta' snin, baqgħet tistrieħ fuq ir-*records* tagħha. Min-naħa l-oħra l-konvenut esebixxa r-riċevuti u offra spjegazzjoni tagħhom ġuramentata - li ma ġietx kontradetta mill-kontro-parti. Konsegwentement għandu jirriżulta biċ-ċar li l-attur *nomine* ma kienx ipprova l-premessi tiegħu fl-avviż. Il-konvenut appellat spjega li seta' kien hemm xi kont pendenti li baqa' skopert - però dan ma kienx kompriż fil-lista ppreżentata mill-attur *nomine* appellant. Fi kliem ieħor, dan mhux każ fejn il-konvenut eċċepixxa l-pagament u ħalef li ħallas b'mod ġeneriku u waqaf hemm. Il-konvenut appellat mar ferm oltre minn hekk. Ipproduċa r-riċevuti relattivi. Il-provi li aċċenna għalihom l-appellat fir-rikors ta' appell effettivament ġew debitament prodotti u proprju kienet għal dina r-raġuni li spettava allura lill-appellant attur biex juri l-kuntrarju - ħaġa li

m'għamilhiex. Mill-bqija, jekk l-Ewwel Qorti tassew baqgħet mhux konvinta, la naħa u lanqas oħra, allura legalment kienet korretta li tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha u dan fuq l-iskorta tal-prinċipju *actore non probante, reus absolvitur*;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta fil-25 ta' Novembru, 1996 fil-kawża fl-ismijiet premessi, tiċħad l-appell ta' l-attur *nomine* bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur *nomine*.